31970D0244

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tal-21 ta' April 1970
dwar previżjonijiet finanzjarji li jkopru bosta snin

(70/244/KEFA, KEE, Euratom)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ JIDDEĊIDI:

Artikolu 1

Sabiex il-*budget* ta' l-Komunitajiet jitqiegħed fi kwadru ta' ppjanar bil-quddiem għal bosta snin, il-Kummissjoni għandha, ta' kull sena, wara li tirċievi l-Opinjoni tal-Kumitat responsabbli mill-Politika tal-*Budget*, tħejji previżjoni finanzjarja għat-tliet snin finanzjarji sussegwenti, u li turi l-implikazzjonijiet finanzjarji għall-Komunità li jirriżultaw minn Regolamenti u Deċiżjonijiet fis-seħħ u minn proposti magħmula mill-Kummissjoni lill-Kunsilll. Il-previżjoni għandha tiġi mqassma skond il-kategorija ta' nfiq.

Il-Kunsill, wara li jirċevi l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew, għandu jistudja u jivvaluta l-previżjoni.

Artikolu 2

Kull sena l-Kunsill għandu, fuq bażi ta' rapport maħruġ mill-Kummissjoni, jeżamina l-livell ta' qbil bejn il-previżjoni u l-iżviluppi kif reġistrati.

Artikolu 3

Hekk kif jinstab li l-infieq magħmul taħt xi kategorija jeċċedi b'mod konsiderevoli l-previżjoni, il-Kummissjoni għandha tirraporta lill-Kunsill u tissottometti proposti għal miżuri xierqa Komunitarji.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-21 ta' April 1970.

Għall-Kunsill

Il-President

P. HARMEL